**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 633/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**Vs**

**Redeemer Cauchi**

**Illum 1 ta' Novembru 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Redeemer Cauchi, imwieled il-Pietà nhar it-18 ta' Ġunju 1997, iben Francis u Angelina neè Gatt, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0239097(M), talli nhar is-26 ta' Settembru 2021, fil-ħinijiet, ġranet u xhur ta' qabel, minn ġewwa Nru.22 "Brave Heart" Triq ix-Xwieni, Marsa, Malta:

1. Ikkommetta serq ta' ġojjelli u oġġetti oħra ta' valur, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna, u dan għad-detriment ta' oħtu Dorianne Cauchi, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0189091(M);

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti (Malta), liema sentenza saret definittiva; u (ii) f'każ ta' ħtija tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat, filwaqt li ddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja, wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni, fosthom il-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali ai termini ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, markati Dok. "PC1" sa' Dok. "PC7" a fol. 3 sa' 17 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Novembru 2021[1] u ta' l-20 ta' Jannar 2022[2] u rat is-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Redeemer Cauchi"

[1] Fol. 34 u 35 tal-proċess.
[2] Fol. 52 tal-proċess.

pronunċjata mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-16 ta' Lulju 2019 esebita mill-Ispettur Paul Camilleri markata Dok. "PC8" a fol. 53 sa' 55 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dorianne Cauchi mogħtija waqt is-seduti tat-8 ta' Novembru 2021[3] u ta' l-4 ta' Ottubru 2022[4], semgħet ix-xhieda ta' Emerenziana Agius[5], in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, u ta' PS1396 Sergio Farrugia[6] mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022 u semgħet ix-xhieda ta' PC82 Rika Mifsud Grech mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2022[7];

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġa fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' Dorianne Cauchi datat 8 ta' Novembru 2021[8];

Rat in-Nota ppreżentata mill-imputat Redeemer Cauchi fis-6 ta' Ottubru 2022[9];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar is-26 ta' Settembru 2021, fil-ħinijiet, ġranet u xhur ta' qabel, minn ġewwa Nru.22 "Brave Heart" Triq ix-Xwieni, Marsa, Malta: (1) Ikkommetta serq ta' ġojjelli u oġġetti oħra ta' valur, liema serq huwa aggravat bil-valur u bil-persuna, u dan għad-detriment ta' oħtu Dorianne Cauchi, detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 0189091(M). Il-Prosekuzzjoni titlob li l-Qorti tittratta ma' l-imputat bħala reċidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dorianne Cauchi**[10], l-allegata vittma f'dawn il-proċeduri u oħt l-imputat, xehdet dwar diversi okażżjonijiet fejn sfat misruqa mill-imputat. Fir-rigward iddikjarat *daqs sena ilu bdejt niġi misruqa. Insterqitli ġiżirana bl-isem tiegħi tad-deheb u karus tat-tfal bil-flus ġo fih. Dawn insterqu minn ġol-kamra tiegħi. ... Sa' dak iż-żmien jiena ma kontx għadni qed nagħlaqha l-kamra għaliex ma kienx għadu seraqni qabel. Ammetta li seraqhomli u ftehmna li se jagħtihomli lura. Beda jħallasni fix-xahar u ħallasni ta' kollox. Il-ġiżirana kienet tiswa 500 u fil-karus qal li kien hemm 200, issa kemm kien fih fil-verità ma nfax. Ma rrapportajtux biex nagħtih ċans jiddispjaċih u ma jerġax jagħmilha mbagħad minn dakinhar 'l hemm bdejt nagħlaq il-kamra biċ-ċavetta. Iċ-ċavetta kont nitfagħha f'biċċa għamara li hemm fil-kuritur għaliex it-tfal meta nkun xogħol jiġu mill-iskola u jkunu jistgħu jidħlu fiha. Bil-flus li tani, dawk il-500 li tani tal-ġiżirana, erġajt xtrajtha jiena, erġajt xtrajt isem u ġiżirana. Issa daqs 3 xhur ilu kelli din il-ġiżirana fil-kexxun taħt il-ħwejjeġ ġo kaxxa ma' par imsielet tat-tfal tad-deheb ukoll, il-kamra kienet qed tkun magħluqa biċ-ċavetta, ma nafx kif sar jaf fejn qed tkun, jew studja lit-tfal jeħduha mill-kexxun jew ma nafx, ma kien hemm ħadd id-dar ovvjament, daħal fil-kamra u reġa' seraqli l-ġiżirana bl-isem flimkien ma' par imsielet tat-tfal. Kif indunajt illi ġejt misruqa għax mort biex nilbisha l-ġiżirana, kien hemm ommi fid-dar, ratni nibki u qaltli "X'ġaralek?", għidtilha u qaltli "Ħallih f'idi ħa ngħidlu jien". Ommi marret tgħidlu, ammetta li seraqha l-ġiżirana u l-imsielet, il-ġiżirana mar ibiegħha ġo ħanut tad-deheb ġol-Marsa, qalilha fejn hu stess, jismu Buttigieg, ommi marret f'dan il-ħanut, xtratha lura l-ġiżirana u tagħtieli. L-imsielet baqa' ma qalx x'għamel bihom, la lil min biegħhom u xejn, jiġifieri bqajt mingħajrhom. Fis-26 ta' Settembru ta' din is-sena kont ħierġa bit-tfal, dakinhar*

[3] Fol. 36 sa' 41 tal-proċess.
[4] Fol. 72 u 73 tal-proċess.
[5] Fol. 58 u 59 tal-proċess.
[6] Fol. 60 u 61 tal-proċess.
[7] Fol. 65 u 66 tal-proċess.
[8] Fol. 42 tal-proċess.
[9] Fol. 74 tal-proċess.
[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, fol. 36 sa' 41 tal-proċess.

*m'għamiltx rapport meta reġa' ħadli l-ġiżirana, ftehmet ommi miegħu, qaltlu biex iħallasni u ftehmna s'hemm u erġajt ma rrapportajtux. … Fis-26 ta' Settembru kont ħierġa bit-tfal, morna biex nilbsu l-islippers biex noħorġu u nsib 4 pari slippers neqsin. Jiena ppanikkjajt, indunajt mill-ewwel illi ħadhom hu għax ovvjament għandu vizzju tad-droga u hu qed jisraq u kemm-il darba seraq lili u lill-ommi u lil missieri, sa' television serqilhom minn ġod-dar, lanqas għandhom biex jaraw television. Bdejt nibki ovvjament, it-tifla kienet bla slipper, kellha slipper jiswa' l-flus, tiegħi wkoll għax kienu kollha tad-ditta, mort nikkonfrontah, għidtlu "X'għamiltli bihom?" u qalli "Kollox ħa nagħtik". … Kelli slipper tal-Liu Jo li jiswa' 200, kelli slipper tal-Guess li jiswa' €170, slipper tan-Nike orange li jiswa €140 u slipper tat-tifla tan-Nike li jiswa' €140 ukoll. Issa dawn flimkien ma' l-imsielet jammontaw għal €800. Issa jiena mort nirrapporta lill-Pulizija għax ma flaħtx iktar, ma stajtx nibqa' sejra hekk għax dan iwegħdni li mhux ser jerġa' u jerġa'. Issa r-rapport għamiltu mhux għax jiena kattiva imma jiena nixtieq li jfiq mill-vizzju tad-droga, li jmur programm u joħroġ kif kien qabel għax hu ma kienx hekk. Il-vizzju li għandu qed iġegħlu jagħmel dawn l-affarijiet. Issa minn dawn it-€800 bagħtli €200 m'ommi. Ommi ġabithomli u qaltli "Dawn tahomlok".*

**L-Ispettur Paul Camilleri**[11], l-uffiċjal investigattiv f'dan il-każ, xehed illi Dorianne Cauchi għamlet rapport l-Għassa tal-Pulizija fil-konfront ta' ħuha, Redeemer Cauchi, dwar serq. L-Ispettur Camilleri ddikjara li *dan ir-rapport beda nhar is-26 ta' Settembru ta' din is-sena fejn Dorianne Cauchi, li tiġi oħt Redeemer Cauchi, li qed nagħraf hawnhekk fl-awla bħala l-imputat, irrappurtat mal-Pulizija li ħuha kien ħadilha xi oġġetti. Din indunat dakinhar stess tar-rapport li kien ħadilha xi żraben tat-tfal u sussegwentement imbagħad, matul ir-rapport li kienet qed tagħmel żiedet li kien ħadilha wkoll xi ġojjellerija tul il-perijodu ta' din is-sena. Dawn l-oġġetti komplessivament, inkluż iż-żraben u l-ġojjelli, kienu jammontaw għal €2,120. Tenut kont ukoll illi l-partijiet huma relatati ma' xulxin u tenut kont li anke jiena naf l-istorja tal-familja Cauchi, tajt struzzjonijiet lis-Surġent sabiex Dorianne Cauchi tagħmlilna qisu tip ta' kwerela miktuba ukoll illi barra r-rapport illi għamlet mal-Pulizija, hija wkoll willing li tkompli bil-proċeduri u għamlitilna dikjarazzjoni u ffirmatha hi stess u ppreżentajtha diga' mad-dokumenti* - Dok. "PC3" fol. 6 tal-proċess. *Jiena sussegwentement imbagħad kont arrestajt lil Redeemer Cauchi u ħadtlu stqarrija ġewwa l-uffiċju tiegħi ġewwa Raħal Ġdid nhar is-27 ta' Settembru ta' din is-sena, fejn huwa għażel li ma jweġibx għall-ebda domanda u għażel ukoll illi ma jiffirmax l-istqarrija. Jiena mbagħad ġibtu mressaq fil-preżentata quddiem il-Maġistrat Dr. Rachel Montebello, ingħata l-bail u qed jiffirma l-Għassa tar-Raħal Ġdid. … Għalkemm Redeemer Cauchi fl-istqarrija ma rrispondhiex għal ebda domanda, lili kien kellimni illi dawn l-oġġetti kien hu li kien ħadhom lil oħtu u kien se jkun hemm arranġament sabiex jitħallsu. Sal-ġurnata ta' llum, skond kif qalli l-imputat, ħallas xi ħaġa lura minnhom però ma nafx x'bilanċ fadal minn dak l-att.*

Waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022[12], id-Difensur ta' Dorianne Cauchi għarrfet lill-Qorti illi l-imputat kien ħallas il-valur ta' l-oġġetti mertu ta' dawn il-proċeduri. L-istess **Dorianne Cauchi** reġgħet xehdet fis-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022[13] fejn iddikjarat li *jiena nagħżel li naħfirlu biex nagħlqu dan il-kapitlu fil-paċi.* Għall-mistoqsija tad-Difensur tagħha stess, *inti se tirrinunzja għal dan il-każ, jiġifieri se tgħid li m'għandekx iktar interess fih?* Dorianne Cauchi wieġbet *iva, eżatt* u mistoqsija mill-ġdid *inti qed tirrinunzja jiġifieri?* hija wieġbet *jiena ħallasni ta' kollox li kien hemm dovut u m'għadnix noqgħod fl-istess dar, allura nagħżel li naħfirlu.*

---

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, fol. 34 u 35 tal-proċess.
[12] Fol. 57 tal-proċess.
[13] Fol. 72 u 73 tal-proċess.

Minkejja l-fatti ferm ċari li rriżultaw mill-provi prodotti f'dawn il-proċeduri dwar l-imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia l-imputazzjoni tar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna a dannu ta' oħtu Dorianne Cauchi, bl-addebitu tar-reċidiva, fid-dawl tar-rinunzja ta' l-istess Dorianne Cauchi kif minnha espressa waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, f'dan l-istadju neċessarjament japplika l-provvediment ta' l-Artikolu 332 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jiddispondi li: *ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 316, 317 u 318, l-azzjoni kriminali ma titmexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għal reati li jsiru kontra ħwejjeġ ta' l-axxendenti jew kontra ħwejjeġ tal-qraba bi żwieġ fil-linja tal-axxendenti, jew ta' l-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna, minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira, jew ma' sekwestru tal-persuna.*

Konsegwentement għalhekk l-azzjoni fir-rigward ta' l-imputazzjoni tas-serq, li tiġbed magħha anke l-addebitu tar-reċidiva, ma tistax għajr li tiġi dikjarata estinta.

Din il-konklużjoni tal-Qorti ssib konferma f'dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Omissis, Jeremy Farrugia Appell Nru. 60/01**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2001: *huwa veru li bħala regola r-reat ta' serq hu azzjonabbli ex officio mill-Pulizija Eżekuttiva, però għal din ir-regola hemm l-eċċezzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 331 u 332 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa l-Artikolu 332 li huwa applikabbli f'dana l-każ. Dana jipprovdi li, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-Artikoli 316 (ħruq b'perikolu tal-ħajja), 317 (ħruq b'perikolu komuni) u 318 (ħruq bla perikolu għall-ħajja tan-nies) l-azzjoni kriminali ma titnexxiex mingħajr il-kwerela tal-parti offiża, għar-reati li jsiru kontra ħwejjeġ ta' l-axxendenti jew kontra ħwejjeħ tal-qraba bi żwieġ fil-linja ta' l-axxendenti, jew ta' l-aħwa, bniet u subien, jew tal-qraba bi żwieġ fl-istess grad, meta dawn ir-reati ma jkunux saru flimkien ma' omiċidju, offiża fuq il-persuna (minbarra offiża ħafifa u ta' importanza żgħira), jew ma' sekwestru tal-persuna. F'dan il-każ, għalhekk, kienet meħtieġa l-kwerela ta' Catherine Saydon; u ġaladarba din irrinunzjat għall-kwerela kif kellha kull dritt li tagħmel (Art. 545(1), Kap.9), l-azzjoni fir-rigward ta' l-akkuża ta' serq kellha tiġi dikjarata estinta. Bħala konsegwenza, l-ewwel Qorti anqas setgħet issib lil Farrugia ħati skond it-tielet u l-ħames imputazzjonijiet peress li dawna kienu neċessarjament jiddependu minn sejbien ta' ħtija fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni.*

Għal dawn ir-raġunijiet u fid-dawl tar-rinunzja da parte ta' Dorianne Cauchi u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 332 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tiddikjara l-proċedimenti fil-konfront ta' l-imputat estinti u konsegwentement tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**